

Brussell, 7 ta' April 2017
(OR. en)

7958/17

FIN 237
CADREFIN 41
POLGEN 38

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru. dok. preċ.:	7030/17 CADREFIN 27 POLGEN 23 FIN 176 + COR 1
Nru dok. Cion:	12186/16 CADREFIN 61 POLGEN 103 FIN 555 - COM(2016) 607 final
Suġġett:	Proposta għal Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Deċiżjoni (UE) 2015/435 dwar il-mobilizzazzjoni tal-Marġni ta' Kontinġenza

1. F'konformità mal-Artikolu 2 tar-Regolament dwar il-QFP¹, fl-14 ta' Settembru 2016, il-Kummissjoni adottat Komunikazzjoni dwar ir-rieżami/reviżjoni tal-QFP. Din il-Komunikazzjoni kienet akkumpanjata minn diversi proposti: proposta għal emenda tar-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 1311/2013 tat-2 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin 2014-2020, kif emendat mir-Regolament tal-Kunsill Nru 2015/623 tal-21 ta' April 2015 (*Regolament dwar il-QFP*); proposta għall-emenda tal-Ftehim Interistituzzjonali tat-2 ta' Diċembru 2013 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni fi kwistjonijiet baġitarji u dwar ġestjoni finanzjarja tajba (*FII dwar kwistjonijiet baġitarji*), u proposta għall-emenda tad-Deċiżjoni (UE) 2015/435 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2014 dwar il-mobilizzazzjoni tal-Marġni ta' Kontinġenza (*Deċiżjoni dwar il-Marġni ta' Kontinġenza*).

¹ Ir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 1311/2013 tat-2 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin 2014-2020 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 884).

2. Wara l-eżami li sar tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni u l-proposti msemmija hawn fuq, il-Kunsill Affarijiet Ġenerali tas-7 ta' Marzu 2017 qabel fil-prinċipju dwar il-kompromess ippreżentat mill-Presidenza fil-forma ta' pakkett.¹
3. Fil-5 ta' April 2017, il-Parlament Ewropew approva l-proposta għal Deċiżjoni li temenda d-Deċiżjoni (UE) 2015/435 dwar il-mobilizzazzjoni tal-Marġni ta' Kontinġenza kif tinsab fl-Anness għall-annessi 1 u 2 tad-dokument 7030/17.
4. Għalhekk, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden jagħti parir lill-Kunsill biex jikkonferma l-qbil li ntlaħaq dwar l-emenda tad-Deċiżjoni (UE) 2015/435 dwar il-mobilizzazzjoni tal-Marġni ta' Kontinġenza u jadotta t-test tad-Deċiżjoni kif jinsab fl-Anness.

¹ ST 7030/17 (nota ta' kopertura); ST 7031/17 + ADD 1-2 (dikjarazzjonijiet); ST 14942/16 (emendi għar-Regolament dwar il-QFP).

DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li temenda d-Deċiżjoni (UE) 2015/435 dwar il-mobilizzazzjoni tal-Marġni ta' Kontinġenza

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidraw il-Ftehim Interistituzzjonali tat-2 ta' Diċembru 2013 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f'materji baġitarji u dwar ġestjoni finanzjarja tajba¹, u b'mod partikolari t-tieni paragrafu tal-Punt 14 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) L-Artikolu 13 tar-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 1311/2013² stabbilixxa Marġni ta' Kontinġenza sa 0,03 % tad-Dħul Nazżjonali Gross tal-Unjoni.
- (2) F'konformità mal-Artikolu 6 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 1311/2013, il-Kummissjoni kkalkulat l-ammont assolut tal-Marġni ta' Kontinġenza għall-2014³.

¹ ĠU C 373, 20.12.2013, p. 1.

² Ir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 1311/2013 tat-2 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin 2014-2020 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 884).

³ Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill u l-Parlament Ewropew tal-20 ta' Diċembru 2013 dwar l-aġġustament tekniku tal-qafas finanzjarju għas-sena 2014 f'konformità mal-movimenti fl-ING (COM(2013)928).

- (3) Permezz tad-Deċiżjoni (UE) 2015/435¹, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill immobilizzaw il-Marġni ta' Kontinġenza biex isiru disponibbli approprijazzjonijiet ta' pagament addizzjonali fl-2014, li għandhom jiġu kkompensati fl-2018-2020.
- (4) Skont it-tbassir dwar il-pagament fuq terminu medju ta' żmien ppreżentat fil-kuntest tar-Rieżami ta' Nofs it-Terminu, hija mistennija pressjoni fuq il-limiti tal-pagament annwali għas-snin 2018-2020.
- (5) L-abbozz tal-baġit għas-sena 2017 juri marġni taħt il-limitu ta' pagament ta' EUR 9,6 biljun, u dan jippermetti li jiġi kkompensat l-ammont sħiħ mobilizzati fl-2014.
- (6) Id-Deċiżjoni (UE) 2015/435 għandha għalhekk tiġi emendata skont dan,

ADOTTAW DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Id-Deċiżjoni (UE) 2015/435 hija emendata kif ġej:

- (1) L-Artikolu 1 jinbidel b'dan li ġej:

"Artikolu 1

Għall-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2014, il-Marġni ta' Kontinġenza għandu jiġi mmobilizzat biex jipprovdi l-ammont ta' EUR 2 818 233 715 f'approprijazzjonijiet ta' pagament lil hinn mil-limitu ta' pagament tal-qafas finanzjarju pluriennali."

¹ Id-Deċiżjoni (UE) 2015/435 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2014 dwar il-mobilizzazzjoni tal-Marġni ta' Kontinġenza (ĠU L 72, 17.3.2015, p. 4).

(2) L-Artikolu 2 jinbidel b'dan li ġej:

"Artikolu 2

L-ammont ta' EUR 2 818 233 715 għandu jkun ikkumpensat bil-marġni li jaqa' fil-limitu ta' pagament għas-sena 2017."

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Parlament Ewropew
Il-President

Għall-Kunsill
Il-President
